FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 14 TA' LULJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Priscilla Caruana Lee

vs

Claudio Mallia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 557681M akkuzat talli;

1. ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-hin u bil-mezz u leima valur ma jaccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu €232.94 ghad-detriment ta' Noel Borg u/jew ta' persuna jew persuni ohra;
2. talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkometta hsara volontarja fuq xutter tal-kiosk bl-isem Mannarinu ghad-dannu ta' Noel Borg u jew persuni ohra liema hsara ma teccedix il-€250;
3. fl-istess data hin lok u cirkostanzi irrendu ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 289 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibula;
4. ukoll kiser il-kundizzjoni moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Mag, Dr A Micallef Trigona LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, fid-29 ta' Lulju 2015;

Il-Qorti mitluba li minbarra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Noel Borg.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261 b u c, 263, 270, 278(ii)(iii) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tikkundannah sentejn habs, bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs, sabiex jinghata l-fakulta' li jaghmel programm riabilattiv kontra l-vizzju tad-droga.

A.M. Trigona

Magistrat